# QORTI TA' L-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 3**

**Rikors maħluf mumru 28/2017/2 JVC**

**Dr George Azzopardi**

***v.***

***Heritage Malta Agency***

1. Dan huwa appell tal-attur minn dikriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-23 ta' Frar 2018 li bih dik il-qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-aġenzija konvenuta dwar il-*privilegium fori* u konsegwentement ordnat li l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili f'Malta sabiex il-każ jiġi assenjat lill-qorti kompetenti f'Malta kif trid il-liġi.

*2.* Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-aġenzija konvenuta kienet għamlet sejħa għal applikazzjonijiet għal diversi postijiet vakanti, fosthom dik ta' "*principal curator Gozo museum and Xagħra sites*". Għalkemm l-attur tefa' applikazzjoni sabiex ikun kandidat għal dan il-post u ħass li kien l-aktar persuna kwalifikata kemm akkademikament kif ukoll fl-esperjenza meta mqabbel mal-bqija tal-kandidati li applikaw għalih, l-applikazzjoni tiegħu ma ntlaqgħetx u l-post ġie allokat lil ħaddieħor.

3. L-attur għalhekk fetaħ il-proċeduri tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi l-aġir amministrattiv tal-aġenzija konvenuta meta din ma allokatx il-post ta' "*Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*" lill-attur iżda allokatu lil ħaddieħor huwa *ultra vires* u illegali … … …;
>
> »2. tordna lill-aġenzija konvenuta sabiex tirrevedi d-deċiżjoni tagħha *… … …*
>
> »3. jekk ikun il-każ, tagħti kwalsiasi ordni oħra li tħoss neċessarja fiċ-ċirkostanzi.«

4. L-aġenzija konvenuta ressqet din l-eċċezzjoni fost oħrajn:

> »1. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, il-*privilegium fori* billi l-Aġenzija *Heritage Malta* għandha s-sede tagħha fil-Gżira ta' Malta minn fejn tamministra u tmexxi x-xogħol tagħha. *Inoltre* ir-rappreżentant tal-istess *Heritage Malta* għandu r-residenza tiegħu fil-Gżira ta' Malta.

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk dwar ldin l-eċċezzjoni:

> »l… … … din il-qorti tqis li l-aġenzija intimata rnexxielha tissodisfa lil din il-qorti li hija għandha r-residenza f'Malta u mhux f'Għawdex u għalhekk f'termini tal-liġijiet applikabbli kif hawn fuq analizzati, l-eċċezzjoni tagħha tal-*privilegium fori* jistħoqq li tiġi milqugħa.
>
> »Għaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-aġenzija intimata, tordna li l-atti kollha ta' dan ir-rikors ġuramentat jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili f'Malta sabiex il-każ jiġi assenjat lill-qorti kompetenti f'Malta skont il-liġi.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Rat is-Sub-Titolu III (Fuq l-eċċezzjoni ta' inkompetenza) tat-Titolu II tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Rat il-Kapitolu 445 (Att dwar il-Patrimonju Kulturali) in partikolari l-artikolu 8 tal-istess fejn fil-partijiet rilevanti għall-eċċezzjoni odjerna jaqra kif isegwi:

»"8.(1) Ikun hemm aġenzija operattiva hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsemmija l-Aġenzija li tkun magħrufa bħala *Patrimonju Malta*. Il-missjoni tal-Aġenzija tkun li tiżgura li dawk l-elementi tal-patrimonju kulturali fdati lilha jkunu protetti u jsiru aċċessibbli għall-pubbliku, kif provdut f'dan l-Att.

»"(2) L-Aġenzija tkun korp magħqud li jkollu personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet kollha kif ukoll dawk l-operazzjonijiet li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

»"(3) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Aġenzija tvesti fil-President, iżda l-President jista' jaħtar lill-Uffiċjal Ewlieni Esekuttiv jew xi wieħed jew iktar mill-uffiċċjali jew impjegati tal-Aġenzija, biex jidher f'isimha u għaliha f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ta' liema xorta jkun."

»Ikkunsidrat ulterjorment:

»Illi l-istess rikorrent fir-rikors ġuramentat tiegħu indika l-indirizz tal-aġenzija intimata bħala '*Ex Royal Naval Hospital*, Triq Marina, Kalkara, Malta' fejn appuntu ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat. Dan juri kemm sa mill-bidunett l-ebda aġir tal-aġenzija intimata ma seta' b'xi mod ta xi idea żbaljata lir-rikorrent jew sgwida lir-rikorrent dwar ir-residenza tagħha *ai fini* ta' kompetenza;

»Illi *ai termini* tal-artikolu 8 sub-artikolu (2) tal-Kap. 445 l-aġenzija intimata hija bil-liġi dikjarata bħala korp magħqud li jkollu personalità ġuridika distinta.

»Illi *ai termini* tal-artikolu 8 sub-artikolu (3) tal-istess Kap. 445 ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-aġenzija tvesti primarjament fil-President, iżda l-President jista' jaħtar lill-uffiċjal ewlieni eżekuttiv jew xi wieħed jew iktar mill-uffiċjali jew impjegati tal-aġenzija minflok. Jirriżulta li dakinhar li ġie preżentat ir-rikors ġuramentat il-kap eżekuttiv tal-aġenzija kien Kenneth Gambin li fix-xiehda tiegħu kkonferma bil-ġurament li r-residenza tiegħu hija Ħal Tarxien f'Malta.

»Illi *ai termini* tal-artikolu 745 sub-artikolu (*f*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta korp magħqud jitqies li għandu r-residenza fil-lok fejn joqgħod ir-rappreżentant tiegħu, fejn f'dan il-każ huwa ċar li r-rappreżentant tal-aġenzija intimata huwa bil-liġi s-sur Kenneth Gambin, kap eżekuttiv, li

kif ġà ngħad jirrisjedi f'Malta. Dan apparti li l-istess aġenzija għandha wkoll l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Malta.

»Illi *ai termini* tal-artikolu 741(*ċ*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tista' tingħata meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju tal-*privilegium fori* f'dan il-każ il-qrati Maltin. Fil-fatt l-aġenzija intimata tat din l-eċċezzjoni *in limine litis*.

»Illi għal dik li hija obbligazzjoni li fuqha qed isejjes ir-rikors ġuramentat tiegħu l-intimat, it-talbiet prinċipalment qed jitolbu r-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-aġenzija intimata li ma tassenjalux il-posizzjoni li huwa applika għaliha u sabiex il-qorti tordna li din id-deċiżjoni tiġi riveduta. Tali talbiet, li kieku kellhom għall-grazzja tal-argument jiġu milqugħa, jinvolvu obbligu dirett fuq l-amministrazzjoni prinċipali tal-aġenzija li tinsab f'Malta u mhux f'Għawdex li tirrikunsidra d-deċiżjoni u għalhekk f'dan il-każ l-artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni.

»Illi din il-qorti ma tarax li l-ġurisprudenza kkwotata mir-rikorrent tapplika għall-każ odjern sempliċement għaliex kien ċar għar-rikorrent li r-residenza tal-aġenzija intimata kien Malta la darba wieħed japplika l-liġi kif hawn fuq ikkwotata u huwa ċar li kien biss għall-konvenjenza tiegħu li l-kawża ġiet intavolata f'Għawdex, b'inkonvenjenza kbira għall-aġenzija intimata u r-rappreżentanti tagħha li l-liġi f'dan il-każ tagħti lilhom il-jedd tal-*privilegium fori* u mhux lir-rikorrent. Fejn il-liġi hija ċara din il-qorti ma tistax iddur fuq ġurisprudenza li fuq kollox tirreferi għall-fatti bejn terzi u mhux neċessarjament identiċi jew simili għall-każ odjern sempliċement biex tpaxxi r-rikorrent a skapitu tal-intimata li f'dan il-każ għandha l-liġi favur tagħha.«

7. L-attur appella mid-dikriet tal-ewwel qorti tat-23 ta' Frar 2018 b'rikors tat-2 ta' Marzu 2018 li għalih wieġbet l-aġenzija konvenuta fis-26 ta' Marzu 2018.

8. Fl-ewwel aggravju l-attur igħid illi l-provvediment mogħti mill-ewwel qorti fit-23 ta' Frar 2018 huwa null għax ingħata b'dikriet u mhux b'sentenza, u ngħata b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-art. 741(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux dawk tal-art. 741(*ċ*), li huwa d-disposizzjoni li tapplika għall-*privilegium fori*). Skond l-attur, il-proċedura taħt l-art. 741(*b*) ma tapplikax għall-każ tal-*privilegium fori* peress li l-*privilegium fori* m'huwiex materja ta'

kompetenza iżda kwistjoni ta' privileġġ. Ifisser dan l-ewwel aggravju tiegħu kif ġej:

> »Illi fl-ewwel lok issir referenza għal artikolu seba' mija u wieħed u erbgħin (741) tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta li jistabilixxi tliet istanzi fejn tista' tingħata l-eċċezzjoni tal-inkompetenza. L-ewwel istanza li jipprevedi dan l-artikolu hija meta l-kawża ma tkunx taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta iżda ġurisdizzjoni ta' qorti barranija. Fit-tieni lok hemm istanza meta għalkemm taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta l-kawża trid tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha. U fit-tielet istanza meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari. Din it-tielet istanza hija propju l-eċċezzjoni deċiża fil-każ odjern.
>
> »Il-*privilegium fori* huwa differenti u distint minn nuqqas tal-kompetenza msemmija fis-sub-inċiż (*b*) tal-artikolu 741. Dan għaliex fil-każ tal-*privilegium fori*, għalkemm il-qorti hija kompetenti minn kull angolu, il-konvenut jallega li għandu privileġġ illi jiġi mħarrek ġo qorti oħra. Il-kompetenza u l-*privilegium fori* huma żewġ affarijiet u distinti tant illi fil-waqt illi l-*privilegium fori* jista' jiġi rinunzjat anke jekk ma jitqajjimx fil-bidu tal-proċeduri, mhux l-istess jista' jingħad għal kompetenza fejn in-nuqqas tal-kompetenza għandu anke jitqajjem mill-qorti *ex officio*, u qorti li mhix kompetenti biex tiddeċiedi talba partikolari ma tistax tagħmel hekk anke jekk il-partijiet nfushom jaqblu illi l-kawża tkompli tinstema quddiem dik il-qorti li ma tkunx kompetenti.
>
> »Din id-distinzjoni qed issir biex tiġi mostrat illi l-provvediment tal-artikolu 741(*b*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx għal każ tal-*privilegium fori* li hu imsemmi fis-sub-inċiż ta' wara *cioè* 741(*ċ*). L-artikolu 741(*b*) jelenka proċedura sħiħa dwar kif qorti li ma tkunx kompetenti għandha tiddeċiedi permezz ta' digriet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza u tibgħat l-atti quddiem il-qorti li tkun kompetenti, minn liema digriet ma hemmx lok għall-appell. Iżda, kif ġie osservat, din il-proċedura ma tapplikax għal każ tal-*privilegium fori stante* illi l-*privilegium fori* ma huwiex materja ta' kompetenza iżda kwistjoni ta' privileġġ. *Ubi lex voluit dixit*, u ġaladarba l-liġi ma għamlitx l-istess provvedimenti eċċezzjonali fil-każ tal-*privilegium fori*, elenkat taħt l-artikolu 741(*ċ*), il-proċeduri msemmija fis-sub-inċiż ta' qabel ma jistgħux japplikaw *mutatis mutandis* għal każ tal-*privilegium fori* li allura jibqa' regolat bil-proċeduri li kienu fis-seħħ qabel l-introduzzjoni tal-att numru IV tas-sena elfejn u sittax.
>
> »Dan ifisser illi l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* kellha tiġi deċiża mhux b'digriet iżda sentenza, u kwalsiasi deċiżjoni f'dan ir-rigward hija appellabli immedjatament fit-termini tal-artikolu 234 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-eċċezzjonijiet kollha jridu jiġu deċiżi (fin-nuqqas ta' provvedimenti speċjali) permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' digiet. Digriet huwa provvediment li saħansitra lanqas jorbot lill-qorti li tkun tatu u, fit-termini tal-artikolu 230, il-qorti tista' għal raġuni sewwa titbiegħed u tħassar dak id-digriet.
>
> »Għaldaqstant il-provvediment mogħti minn l-ewwel onorabbli qorti fit-tlieta u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (23/02/2018) huwa null u bla effett għaliex mogħti permezz ta' digriet u mhux permezz ta' sentenza.«

9. L-attur qiegħed igħid sew illi d-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet fuq eċċezzjoni ta’ inkompetenza minħabba l-*privilegium fori* u għalhekk mogħtija taħt l-art. 741(*ċ*) u mhux taħt l-art. 741(b) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk ma tapplikax il-proċedura taħt l-art. 741(*b*), li adottat l-ewwel qorti, u d-deċiżjoni kellha tingħata mhux b’dikriet iżda b’sentenza li jista’ jsir appell minnha taħt l-art. 234 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

10. Madankollu, il-fatt waħdu illi provvediment jissejjaħ dikriet u mhux sentenza ma jfissirx illi dak il-provvediment huwa *ipso facto* null. Il-liġi stess fl-art 790 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tgħid illi l-eċċezzjoni ta’ nullità ta’ sentenza, ħlief fil-każijiet imsemmija fl-istess artikolu ilii iżda ma humiex il-każ illum, ma għandiex tintlaqa’ jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha.

11. Għalkemm il-provvediment li minnu sar l-appell bilfors ikollu jitħassar safejn applika proċedura – dik taħt il-*proviso* għall-art. 741(*b*) – li ma hijiex applikabbli, dan ma jwassalx bilfors għall-konklużjoni illi l-provvediment għandu jitħassar ukoll fil-parti fejn intlaqa’ l-*privilegium fori* sakemm ma jintweriex li dik il-parti tad-deċiżjoni hija ħażina jew mhux “ġusta fis-sustanza tagħha”.

12. Dan huwa l-meritu tat-tieni aggravju, li fih l-attur igħid illi d-deċiżjoni tal-ewwel qorti meta laqgħet l-eċċezzjoni dwar il-*privilegium fori* hija ħażina. Ifisser dan it-tieni aggravju tiegħu hekk:

> »Illi l-esponenti ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*. Il-*privilegium fori* huwa marbut mal-fatt ta’ residenza u dan huwa hekk minħabba l-prinċipju legali

*actor sequitur forum rei* li kif ġie spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-attur m'huwiex ikkontestat il-fatt illi l-*Aġenzija Heritage Malta* għandha l-*head office* tagħha fil-Gżira ta' Malta (fil-Kalkara) u ċ-*chief executive officer* tagħha huwa għandu wkoll ir-residenza tiegħu fil-Gżira ta' Malta.

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-esponenti iċċita ġurisprudenza estensiva li tispjega li dipartiment jew aġenzija tal-gvern ma tistax tagħti l-eċċezzjoni tal-privil*egium fori* sempliċiment għaliex min imexxiha għandu r-residenza ordinarja tiegħu fi gżira differenti minn dik fejn il-kawża ġiet intavolata. Għalhekk dik il-parti tal-eċċezzjoni li tinvoka il-*privilegium fori* għaliex iċ-*chief executive officer*, jew aħjar ir-rappreżentant tagħha, għandu r-residenza fil-Gżira ta' Malta hija waħda relattivament fiergħa.

»Il-kwistjoni li jibqa' hija jekk il-*privilegium fori* jistax jintalab minn aġenzija governattiva abbażi tal-fatt illi l-uffiċju prinċipali tagħha qiegħed fi gżira u mhux f'oħra. Il-kwistjoni ġiet ben indirizzata fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, disgħa ta' Jannar tal-elf, disa' mija u disgħin (09/01/1990) fl-ismijiet <u>Maria Rosa Tabone *v.* il-Kummissarju tal-Artijiet</u> fejn ġie ritenut:

> »"Fl-opinjoni ta' din il-qorti meta dipartiment governattiv jiġi stabilit, dana ma jkunx qed jiġi stabilit biss f'dak il-lokal jew post fejn ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, imma jkun stabilit fl-istat kollu. Għalhekk fejn dipartiment ikollu l-iktar uffiċini jew l-uffiċċju prinċipali m'għandu ebda rilevanza, billi l-istess dipartiment inkluża l-kariga tal-kap tiegħu m'għandux residenza formali u ma jistax jingħad li joqgħod f'xi post u mhux fl-ieħor u għandu jitqies li huwa stabilit u jiffunzjona anke f'dawk il-lokali fejn l-istess dipartiment m'għandux uffiċċju."

»Fuq l-iskorta ta' din il-ġurisprudenza ċara applikabbli f'każ ta' aġenziji jew dipartimenti governattivi, l-ewwel onorabbli qorti ma kellhiex xelta oħra għajr li tiddikjara illi l-*Aġenzija Heritage Malta* hija prattikament residenti fl-istat kollu, inkluż f'Għawdex. *Inoltre*, f'Għawdex għandha wkoll uffiċini li jagħmlu xogħol amministrattiv kif irriżulta minn xhieda prodotti quddiem l-ewwel onorabbli qorti. Di fatti jingħad biss a skans ta' repetizzjoni inutili illi bosta funzjonijiet amministrattivi, inklużi deċiżjonijiet, isiru fil-Gżira ta' Għawdex (dan b'mod speċjali għal siti f'Għawdex).

»Ir-raġunament imsemmi fis-sentenza suesposta ġie wkoll ikkonfermat minn din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha <u>*A.F. Ellis Ltd v.* Segretarju Permanenti u Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali</u> (disgħa ta' Ġunju tal-elfejn u tlieta (09/06/2003)).

»*In vista* ta' dan l-esponenti umilment jissottometti illi d-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti kwantu aċċettat li l-aġenzija konvenuta għandha tgawdi minn dan il-privileġġ hija wkoll deċiżjoni żbaljata u għandha tiġi riveduta.«

13. L-aġenzija wieġbet hekk għal dan l-aggravju tal-attur:

»Filwaqt li jrid jingħad li għal dawn l-argumenti tal-qorti hemm argumenti kuntrarju, mhux il-każ li wieħed jidħol fihom fil-kawża preżenti għaliex dawn is-sentenzi jirreferu biss għal dipartimenti governattivi. *Heritage Malta* mhijiex dipartiment governattiv u għalhekk

dawk l-argumenti f'kull każ ma japplikawx għaliha. Mhux korrett l-appellant meta jipprova jagħti l-impressjoni li dawn is-sentenzi jsemmu wkoll aġenziji bħall-esponenti.

»L-aġenzija *Heritage Malta* mhijiex dipartiment governattiv. *Heritage Malta* hija korp magħqud b'personalità ġuridika distinta imwaqqfa b'liġi, u titmexxa minn bord awtonomu. L-aġenzija topera mill-uffiċju amministrattiv tagħha f'Bighi, l-Kalkara, Malta. L-amministrazzjoni, inkluż dik li tirreferi għall-impjegati tal-aġenzija, hija ċentralizzata u ssir kollha mis-sede prinċipali tagħha fil-Kalkara.

»L-impjegati tal-aġenzija huma kollha ngaġġati bl-istess mod, u l-uffiċjali tal-*human resources* flimkien mal-*heads* u mal-kap eżekuttiv tal-aġenzija, li lkoll jaqdu dmirijiethom mill-uffiċju ewlieni tal-aġenzija fil-Kalkara, jieħdu d-deċiżjonijiet kollha inkluż dwar kif jitmexxew is-siti f'Għawdex, u liema impjegati jiġu assenjati biex jaħdmu f'dawk is-siti. Anke l-pagi ta' dawn il-ħaddiema jinħadmu u jinħarġu kollha minn dan l-uffiċju ċentrali. L-uffiċju ta' Għawdex, bħall-uffiċji l-oħra f'Malta, għandu awtonomija limitata, u jibqa' dejjem suġġett għad-direzzjoni tal-uffiċju ċentrali fil-Kalkara.

»Is-sejħa interna għall-vakanza mertu tal-kawża saret mill-uffiċju ċentrali ta' *Heritage Malta* fil-Kalkara, filwaqt li l-għażla, inklużi l-*interviews* għall-post, saru wkoll fil-*head office* tal-aġenzija fil-Kalkara.

»Il-posizzjoni legali hija waħda ċara.

»Skond l-artikolu 741(*ċ*) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tista' tingħata meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari.

»L-artikolu 767 tal-Kap 12 imbagħad jiddisponi li dan il-benefiċċju tal-*privilegium fori* "hu mogħti lill-persuni li joqgħodu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer."

»Min joqgħod f'Malta għandu d-dritt jew benefiċċju li jiġi mħarrek quddiem il-Qorti ta' Malta u min joqgħod Għawdex għandu dritt li jiġi mħarrek quddiem il-Qorti ta' Għawdex. Il-kriterju ewlieni li jiddetermina din l-eċċezzjoni huwa għalhekk il-lok ta' residenza tal-aġenzija. Ir-residenza tal-attur f'dan ir-rigward hija għal kollox immaterjali.

»Skond l-artikolu 50 tal-Kap. 12, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), b'esklużjoni tal-qrati ta' Malta, hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra "l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti."

»L-applikazzjoni, u l-proċess kollu għall-għażla tal-impjegat biex jimla l-vakanza ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*, sar minn *Heritage Malta* fis-sede tagħha fil-Kalkara f'Malta. L-attur stess ikkorrisponda mal-esponenti fis-sede tagħha fil-Kalkara, u anke l-atti ta' din il-kawża ħa ħsieb jinnotifikahom fl-indirizz uffiċjali tagħha f'Malta. Anke lill-kap eżekuttiv ħarrku biex jixhed fl-indirizz tal-esponenti *Ex royal Naval Hospital* – Triq Marina, Kalkara, Malta.

»L-appellant stess jirrikonoxxi li *Heritage Malta* għandha s-sede tagħha fil-gżira ta' Malta.

»L-appellant jirrikonixxi wkoll li l-kap eżekuttiv ta' *Heritage Malta* jirrisjedi f'Malta.

»Fir-rigward tal-kompetenza bejn qorti u oħra ta' Malta, fejn il-konvenut ikun korp magħqud jew korp ieħor li jkollu personalità ġuridika distinta, ir-regola hija li "il-korpi magħquda jew kull korp ieħor li jkollu personalità ġuridika distinta jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok fejn joqgħod wieħed jew ieħor mir-rappreżentanti tagħhom." (artikolu 745 (*f*) tal-Kap. 12).

»Kif diġà ingħad, l-argument tal-appellant li l-*privilegium fori* ma jistax jintalab minn dipartiment governattiv ma japplikax għal *Heritage Malta* għaliex mhijiex dipartiment governattiv iżda awtorità awtonoma imwaqqfa b'liġi, b'personalità ġuridika distinta u awtonoma.«

14. Din il-qorti kienet għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-meritu ta' dan l-aggravju fis-sentenza minnha mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2003 fil-kawża fl-ismijiet A. F. Ellis Ltd *v.* Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali" fejn ingħad hekk:

»Illi mill-atti tal-kawża għandu jirriżulta li bħala uffiċju ċentrali l-ministeru mħarrek mis-soċjetà appellata huwa stabbilit f'Malta. … … … Huwa paċifiku wkoll li l-appalt u l-obbligazzjonijiet naxxenti minnu ġew kondotti u esegwiti fil-Gżira ta' Malta u mhux fil-Gżira ta' Għawdex.

»Ikkunsidrat illi fid-definizzjoni ta' Malta kif mogħtija mill-Kostituzzjoni ta' Malta – hekk ara l-artikolu 124(1), ċitat anke mis-soċjetà appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet li din ippreżentat quddiem l-ewwel qorti – "Malta tfisser il-Hżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-Arċipelagu Malti, magħduda l-ibħra territorjali".

»Mill-premess għandu għalhekk isegwi li l-Gvern ta' Malta huwa wieħed komuni kemm għall-Gżira ta' Malta kif ukoll għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, minkejja l-fatt li skond il-liġi tal-proċedura dawn għandhom ġurisdizzjoni separata.

»Ikkunsidrat li skond l-artikolu 767 tal-Kap. 12, il-benefiċċju tal-*privilegium* fori msemmi fil-paragrafu (*ċ*) tal-artikolu 741 hu mogħti lill-persuni li joqgħodu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-gżira, u lil dawk li joqgħodu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-gżejjer. Dan il-privileġġ għalhekk huwa marbut mal-fatt ta' residenza u dan huwa hekk minħabba l-prinċipju legali tal-"*actor sequitur forum rei*". Il-kweżit għalhekk li jrid jiġi indirizzat hu dan: f'dawk il-każi li jikkonċernaw ministeri jew dipartimenti governattivi, xi kriterji għandhom jitqiesu bħala li għandhom japplikaw? Għandha rilevanza f'każi simili r-residenza personali tal-persuna li tkun tokkupa l-kariga in rappreżentanza tal-ministeru jew dipartiment governattiv li jkun qed jiġi mħarrek? Fejn hi r-"residenza" ta' ministeru jew dipartiment governattiv? Għal dawn id-domandi l-ewwel qorti straħet fuq deċiżjoni anterjuri mogħtija fil-kawża fl-ismijiet Maria Rosa Tabone *v.* Kummissarju tal-Artijiet fid-9 ta' Jannar 1990 mogħtija mill-Qorti tal-

Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha bħala Qorti ta' Appell u li *inter alia* rriteniet in propożitu dan li ġej,

> »"Wara l-emenda fl-artikolu 181 (ġà 180A) tal-Kap. 12, introdotta bl-Att XXIII tal-1971 li pprovdiet inter alia li f'każ ta' skrittura ppreżentata kontra kap ta' dipartiment ma jkunx hemm il-ħtieġa li tissemma l-persuna li jkollha dik il-kariga imma huwa biżżejjed li tissemma l-kariga, in-nuqqas ta' rilevanza tal-partikolaritajiet personali ta' dik il-persuna li tokkupa l-kariga ġiet enfasizzata u l-leġislatur għamilha iktar ċara li l-kariga għandha tkun distakkata totalment mill-persuna li f'dak iż-żmien tkun qiegħda effettivament tokkupaha. F'każ ta' kawża kontra dipartiment governattiv illum huwa żgur id-dipartiment governattiv rappreżentat mill-kap *ut sic* u mhux il-persuna fiżika partikolari li tinzerta tokkupa din il-kariga.
>
> »"Għaldaqstant huwa evidenti li r-residenza partikolari tal-persuna li tokkupa l-kariga f'ċertu żmien m'għandha ebda rilevanza għall-finijiet tal-*privilegium fori*. Għalhekk il-qorti trid tgħaddi biex teżamina jekk dipartiment governattiv rappreżentat mill-kap tiegħu jistax jitqies li joqgħod f'xi gżira jew post partikolari. Fl-opinjoni ta' din il-qorti, meta dipartiment governattiv jiġi stabbilit, dana ma jkunx qed jiġi stabbilit biss f'dak il-lokal jew post fejn ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu biex jaqdi il-funzjonijiet tiegħu, imma jkun stabbilit fl-istat kollu.
>
> »"Għalhekk fejn dipartiment ikollu l-iktar uffiċini jew l-uffiċju prinċipali m'għandu ebda rilevanza, billi l-istess dipartiment inkluża l-kariga tal-kap tiegħu m'għandux residenza formali u ma jistax jingħad li joqgħod f'xi post u mhux fl-ieħor u għandu jitqies li huwa stabbilit u jiffunzjona anke f'dawk il-lokali fejn l-istess dipartiment m'għandux uffiċċju."

»Din il-qorti, bħall-qorti ta' qabilha, tikkondividi pjenament dan ir-*ratio legis … … …*«

15. Il-kwistjoni hi jekk dak li jgħodd għal dipartiment tal-gvern igħoddx ukoll għal aġenzija bħal ma hi dik konvenuta.

16. Il-qorti tqis illi meta aġenzija tkun korp ta' dritt pubbliku, imwaqqfa b'liġi b'setgħat ta' dritt pubbliku u biex taqdi dmirijiet fil-kompetenza tal-gvern esekuttiv, fosthom li tamministra beni tal-istat, u finanzjata b'fondi pubbliċi, bħal ma hi l-aġenzija konvenuta, il-konsiderazzjonijiet magħmula fil-ġurisprudenza fuq ċitata dwar dipartimenti tal-gvern għandhom jgħoddu wkoll għal dik l-aġenzija. Għalhekk, u għar-raġunijiet mogħtija fil-ġurisprudenza fuq ċitata, konsiderazzjonijiet

dwar fejn l-aġenzija għandha l-uffiċċju ewlieni tagħha u dwar fejn joqgħod bid-dar ir-rappreżentant tagħha ma jibqgħux relevanti.

17. Għal dawn ir-raġunijiet l-aġenzija ma tistax tistrieħ fuq il-*privilegium fori*, u l-eċċezzjoni relativa għandha għalhekk tiġi miċħuda.

18. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullità mressqa mill-attur, tħassar id-deċiżjoni appellata u tiċħad l-eċċezzjoni ta' inkompetenza mressqa mill-konvenuta.

19. L-ispejjeż tal-ewwel grad tħallashom il-konvenuta: l-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsu l-attur (billi dan ressaq eċċezzjoin ta' nullità li ġiet miċħuda) u tliet ishma minn erbgħa (¾) tħallashom il-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb